MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2005

Numru 724/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Cordina**
**V**

**TERESA CACHIA**
**GILMORE CACHIA**

**Il-Qorti;**
Rat li l-imputati **TERESA CACHIA** ta’ tnejn u erbghin sena mart Martin, bint Charles Carabott u Elizabeth nee Calleja, imwielda Floriana nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Lulju, 1960 u toqghod 'Martina', Triq l-Imhallef William Harding, Pembroke, detentrici tal-karta tal-identita numru 502860M u **GILMORE CACHIA** ta' sittax il-sena bin Martin u Teresa nee Carabott, imwieled Pieta nhar t-tlieta ta' Novembru, 1985 u joqghod 'Martina', Triq l-Imhallef William Harding, Pembroke, detentur tal-karta tal-identita numru 38386M, gew mressqa quddiemha akkuzat talli fit-tmienja w ghoxrin ta' April, 2002 fuq il-Monti ta' Bieb il-

Belt, Floriana, ffalsifikaw jew biddlu minghajr l-kunsens tas-sid, ismijiet, marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta' industrija jew manifattura, jew xjentement ghamlu uzu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista tqarraq lix-xerrej dwar x-xorta tal-merkanzija jew bieghu tali merkanzija, jew xjentement qeghdu fic-cirkolazzjoni, bieghu jew zammew ghandhom ghal bejgh jew impurtaw ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbha b'qerq u cioe numru ta' CD's foloz.

Bi qligh jew bi skop ta' kummerc, stampaw, immanufatturaw, idduplikaw jew mod iehor ipproducew jew ikkupjaw jew bieghu, qassmu jew mod iehor offrew ghal bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil/jew taht l-ligi ta' Malta.

Bi qligh jew bi skop ta' kummerc, stampaw, immanufatturaw, idduplikaw jew mod iehor ipproducew jew ikkupjaw jew bieghu, qassmu jew mod iehor offrew ghal bejgh jew biex jitqassam minn post jew minn gewwa post li hu kopert b'licenzja jew bhala parti minn attivita koperta b'tali licenzja, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mill-jeddijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil/jew taht l-ligi ta' Malta.

Il-Qorti giet miltuba sabiex f'kaz ta' htija barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-ligi tordna l-konfiska tal-oggetti kollha esibiti.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat sitta ta' Settembru, 2002, markat bhala dokument CSH 4 [fol 12] sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' Gudikatura Kriminali kif jirrizulta mill-ezami li sar lil imputati nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Novembru, 2002.

Rat wkoll s-sentenza moghtija fl-ismijiet premessi minn din l-istess Qorti kif preseduta nhar l-hamsa ta' Dicembru 2002, fejn din il-Qorti kienet diga espremiet ruhha dwar t-tieni w it-tielet akkuza u cioe fil-kofnront tat-tieni akkuza u cioe dik naxxenti mill-artikolu 298B, din il-Qorti kienet diga sostniet li l-Prosekuzzjoni ma setghetx tinizja dawn il-proceduri odjerni a bazi ta' din d-disposizzjoni ghaliex ma kellhiex il-kwerela tal-parti offiza u ghalhekk ebda procedura ma setghet tittiehed u dan skond l-istess artikolu 298B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar t-tielet akkuza u cioe dik naxxenti mill-Avviz Legali 120 tas-sena 1992, din il-Qorti kienet astjeniet li tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-akkuza ghaliex fil-fehma taghha, tali akkuza kienet ta' natura kontravenzjonali u kienet preskritta ai termini tal-artikolu 688(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk illum din il-kawza tinsab differita ghas-sentenza fuq l-ewwel akkuza u cioe dik naxxenti mill-artikolu 298(1) tal-istess Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe '*Qerq fil-kummerc u fl-industriji*'.

Illi fis-seduta tal-hdax ta' April 2005, l-Prosekuzzjoni kienet irremettiet ruhha ghal atti waqt li d-Difiza sostniet li l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova l-akkuzi fil-konfront tal-imputati lanqas permezz tal-espert nominat mill-Qorti, Martin Bajjada.

Fl-ewwel lok, jigi rilevat li skond s-*seizure note* esibita il-Qorti bhala dokument CSH 6 a fol 14 tal-atti odjerni, jidher li l-pulizija elevat minghand l-imputat erbgha mija disgha u tmenin music CD, elfejn mitejn sitta w disghin games CD u cioe total ta' elfejn sebgha mija hamsa u tmenin, liema merca giet esibita b'mod formali mill-Ispettur Joseph Cordina fix-xhieda tieghu nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Novembru 2002 [fol 16 et seq].

Illi pero l-espert nominat mill-Qorti nghata minghand l-Ispettur Joseph Cordina, elfejn tlett mija disgha u tletin compact diskettes u ghalhekk il-Qorti m'ghandhix assikurazzjoni li d-diskettes li nghataw lil espert tal-Qorti

ghal ezamijiet teknici huma l-istess merca li gew elevati minghand l-imputati.

Illi pero, ghal kull bon fini, l-espert kien ikkonkluda li l-elfejn tlett mija disgha w tletin compact diskettes li huwa ezamina kienu 'non compliant' u dan ifisser li l-prodott ma hux konformi fil-kwalita, fl-apparenza, fil-kontenut u fl-ippakkjar mal-prodott licenzjat mill-awturi rispettivi.

Issa, l-artikolu tal-ligi in desamina u cioe 298(1) tal-Kap 9 ma jitkellimx fuq 'non compliance' izda fuq qerq fl-industrija tal-kummerc, fis-sens li ssir '*falsifikazzjoni jew tibdil minghajr l-kunsens tas-sid fil-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta' industrija jew manifattura*'.

L-imputati gew akkuzati fit-tieni lok b'mod alternattiv, li wkoll permezz tal-istess disposizzjoni tsal-ligi, li xjentement ghamlu dawn s-sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista tqarraq lix-xerrej dwar x-xorta tal-merkanzija jew baghtu tali merkanzija jew li xjentement qeghdu fic-cirkolazzjoni, bieghu jew zmmew ghandhom ghal bejgh jew impurtaw ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marki, sinjali, jew emblemi mxebbhin b'qerq.

Illi mill-provi prodotti din l-akkuza fl-intier taghha, b'ebda mod ma tirrizulta lanqas.

Ta' min jfakkar dak li gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta w ghoxrin ta' Awissu 1998*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Gawdenzio Borg**, fejn inghad li

*"bil-kelma 'emblema, wiehed ghandu jifhem dak l-assjem ta' kliem, kuluri, sinjali, marki u stampi jew kombinazzjoni li xi whud minnhom, mahsuba sabiex iwasslu messagg possibilment dwar l-origini, l-provenjenza jew n-natura tal-merkanzija* [vide **Il-Pulizija v Alexander Pisani**, ***deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l-hamsa ta' Marzu 1997***] *gie ritenut li l-emblema trid tkun imxebbha b'qerq, jigifieri maghmula tixbah, u ghalhekk mhux necessarjament*

*identika ghal wahda awtentika bl-iskop li tqarraq. L-istess, naturalment jinghad ghal marka jew sinjal, dawn iridu jkunu jixbhu marka jew sinjal awtentiku, ma hemmx ghalfejn li l-marka, sinjal jew emblema jkunu stampati, tista tkun mehjuta.*"

Illi minn ezami tal-provi migbura ma jirrizulta xejn minn dan. Jirrizulta li l-merca in kwistjoni hija piratata, fotokopjat pero ma jfissirx li kien hemm xi *tampering* ma xi sinjali jew emblemi tal-prodott originali u ghalhekk l-ispustjar tal-onus kif imsemmi fl-artikolu 299 tal-istess Kap 9, ma japplikax.

L-imputati ma jistghux jitqiesu li agixxew dolozament ai termini tal-artikoli moghtija mill-Prosekuzzjoni f'dawn ic-cirkostanzi.

Illi ghalhekk, ghalkemm dak li ghamlu l-imputati u cioe li kkuppjaw huwa skorrett, ma jfissirx li tali agir jaqa taht d-disposizzjoni tal-artikolu 298(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ghaldaqstant, l-Qorti wara li rat l-artikolu 298(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ma ssibx lil imputati THERESE CACHIA u GILMORE CACHIA hatja ta' din l-ewwel akkuza u tilliberhom minnha.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------